Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 12 ta' Dicembru 2024**

**Kump. Nru. 287/2024**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Versus**

**-omissis-**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **-omissis-**.

F'isem ir-Repubblika ta' Malta akkuzat talli nhar l-20 ta' Marzu 2024 ghall-habta ta' bejn it-tmienja ta' filghodu (08:00hrs) u l-hdax ta' filghodu (11:00hrs), gewwa Triq l-Imsida, Birkirkara (Malta) fl-intorni tal-kazin 'Socjeta' Muzikali Sant' Antnin A.D. 1983' u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer :

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' -omissis-, f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha tal-istess -omissis- u cioe' ferita ta' natura hafifa, liema offiza giet maghmula bi strument li jaqta' u/jew li jniggez kif iccertifikat minn Dott. Catherine Gatt (Med. Reg. Nru. 6646), u dan bi ksur ta' artikoli 214, 215, 221(1), 221(2) u 217 tal-Kodici Kriminali ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' -omissis- f'periklu car, izda bil-hsieb li jaghmel id-delitt, u cioe' li jaghmel hsara fil-gisem jew fis-sahha tal-istess -omissis-, u cioe' ferita ta' natura gravi, u dan bi ksur tal-artikoli 41(1)(a), 214, 215, 216, 217, 218 tal-Kodici Kriminali ta' Malta, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni

tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;

3. U aktar talli kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali ta' Malta;

U f'isem ir-Repubblika ta' Malta, akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi:

4. Garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija, u dan bi ksur tal-artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Hebb u/jew attakka b'rezistenza lil persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, u cioe' lil PC 32, filwaqt li din kienet qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skont il-Ligi mill-Awtorita' kompetenti, u dan bi ksur tal-artikolu 96(a) tal-Kodici Kriminali ta' Malta;

Il-Qorti hija gentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza, u cioe' ta' -omissis- jew ghaz-zamma tal-ordni pubbliku jew ghall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familjari taghha minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat -omissis- skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u f'kaz ta' htija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuni offiza jew l-familja taghha ai termini tal-artikoli 382A, 383, 384, u 385 ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba li f'kaz ta' sejbien ta' htija, tordna l-konfiska tal-corpus delicti, u ta' dawk l-istrumenti kollha uzati jew mahsuba li jigu uzati fil-kommissjoni ta' kwalunkwe reat u ta' dak kollu li gie miksub minn tali reat, inkluz l-armi u/jew ghodda li gew uzati jew li setghu gew uzati fil-kors ta' tali reat.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skont il-ligi, tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Rat illi l-Prosekuzzjoni fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 2024 irtirat l-ewwel (1) akkuza fil-konfront tal-imputat, kif ukoll il-Prosekuzzjoni ddikjarat li f'akkuza numru tnejn (2) fil-konfront tal-imputat ma jirrizultax l-Artikolu 218.

Rat illi l-imputat, fl-istess seduta tat-3 ta' Dicembru 2024 irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet numru tnejn (2), tlieta 3, erbgha (4) u hamsa (5) migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet fuq il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet numru tnejn (2), tlieta (3), erbgha (4) u hamsa (5) miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi bin-numru tnejn (2), tlieta (3), erbgha (4) u hamsa (5) migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet numru tnejn (2), tlieta (3), erbgha (4) u hamsa (5) migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi bin-numru tnejn (2), tlieta (3), erbgha (4) u hamsa (5) migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammess.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Illi l-partijiet qablu li piena karcerarja effettiva ma tkunx idonea fil-kaz odjern, stante li l-imputat ghandu bzonn l-ghajnuna sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' akkuza numru wiehed (1), wara li rat Artikolu 7, 41(1)(a), 96(a), 99, 214, 215, 216, 217 u 338(dd) tal-Kapitolu 9, kif ukoll Artikolu 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta **qed issib lill-imputat -omissis- hati** ta' l-akkuzi bin-numru tnejn (2), tlieta (3), erbgha (4) u hamsa (5) migjuba fil-konfront tieghu, u qed tikkundannah ghal piena ta' **sentejn (2) prigunerija**, illi b'applikazzjoni ta' l-**Artikolu 28A tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu **sospizi ghal perjodu ta' erba' (4) snin**.

In oltre l-Qorti qeghda tqieghed lill-hati **-omissis-** taht Ordni ta' Trattament ai termini tal-**Artikolu 412D** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jinghata l-ghajnuna psikjatrika u psikologika necessarja kif ukoll kull ghajnuna ohra li jista' jkollu bzonn l-imputat, u b'mod partikolari li jsegwi t-terapija moghtija lilu sabiex jindirizza l-problemi tieghu ta' dipendenza fuq id-droga, hekk kif jistgha jigi rakkomandat mill-Probation Officer, bl-intervent ta' Professjonisti varji, b'liema ordni qieghed isir ghal perjodu ta' **erba' snin (4) millum** u li hija soggetta għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' **l-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed **tohrog Ordni tat-Trazzin fil-konfront tal-hati -omissis- ghas-sigurta' u l-protezzjoni tal-*parte civile* -omissis-**, liema ordni ghandha tibqa fis-sehh **ghal perjodu ta' tliet (3) snin millum.**

**Ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** il-Qorti qed torbot lill-hati **-omissis-** b'garanzija personali ta' **elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena millum** u dan billi ma jimmolestax, ma jddejjaqx u ma jingurjax lill-*parte civile* **-omissis-**.

Illi rigward it-talba **ai termini ta' l-Artikolu 533** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti **qed tordna lill-hati -omissis- sabiex ihallas is-somma ta' €400.57 relatati ma' spejjez ta' l-Esperti mqabbda minn din il-Qorti.**

Inoltre l-Qorti qed tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u cioe' is-sikkina ezebita fl-atti u mmarkata bhala Dok ALX 1.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digrieti annessi lill-Kummissarju tal-Pulizija u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation and Parole.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**